# familja

Ħarġa Numru 10 • EDIZZJONI ONLINE • Ġunju 2020

MINISTERU GĦALL-FAMILJA
DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI




# COVID-19
# Nirbħuh flimkien!

MINISTERU GĦALL-FAMILJA,
DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

## Rivista 'Familja'

hi proġett tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

'Familja' toħroġ online kif ukoll stampata, maħsuba u indirizzata għall-pubbliku bħala l-vuċi uffiċjali ta' dan il-Ministeru. Din ir-rivista titqassam mingħajr ħlas.

Jekk jogħġbok tikkontribwixxi b'xi kitba, twassal proposti jew xi suġġerimenti, inkella għaddejt minn xi esperjenza li tixtieq taqsam magħna, nistiednuk tiktbilna fuq l-imejl: familja.media@gov.mt

Biex tirċievi r-rivista 'Familja' tista' tiktbilna fl-indirizz elettroniku jew bil-posta:
Tonio Bonello,
MFCS Uffiċċju tal-Komunikazzjoni,
Operations Directorate,
Nru 38 Triq l-Ordinanza,
Il-Belt Valletta.

Il-kontenut f'kull ħarġa ta' 'Familja' mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni Editorjali.

**Tonio Bonello**
Editur

Tista' taċċessa edizzjonijiet passati fuq:
**https://family.gov.mt/en/Pages/FamiljaMagazine.aspx**

*familja.media@gov.mt*

# Ħajr lill-kontributuri

‘Familja’ qed tasal għandkom grazzi għall-kontributuri professjonali, volontarji u kollegi oħra li jaħdmu magħna. Dan bl-għan li l-impenn fl-istruttura korporattiva ta’ din l-entità jkompli jissaħħaħ fl-interess tas-soċjetà.


04 **Is-Sur Tonio Bonello**
Editur

05 **Is-Sur Mark Musù**
Segretarju Permanenti fil-Ministeru MFCS

08 **Is-Sa Marvic Cordina**
Prinċipal

10 **Is-Sa Marica Lewis**
Member Malta Mycological Association

12 **Is-Sur Tonio Bonello**
Ġurnalist

14 **Is-Sur Tonio Bonello**
Ġurnalist

17 **Is-Sur Peter Miceli Saydon**
Prinċipal

18 **Is-Sa Sue Bharwani**
Regional Coordinator

12 **Is-Sa Marisa Vella**
Operations Executive

**Is-Sur Godwin Borg**
Muntaġġ u Grafika





**Agħti d-demm**
**illum**
**Għada jista’ jkun tard**

**2206 6201**

GRAZZI

# Editorjal

**Tonio Bonello**
Editur Media MFCS
Corporate Communications Manager

## Budget bla mistenni u miżuri oħra

F'nofs Marzu l-Prim Ministru Robert Abela ħabbar budget ieħor fid-dawl tas-sitwazzjoni lokali u dik internazzjonali dwar il-Corona Virus jew kif inhu magħruf, COVID-19. Hi prassi li l-budget ikun dejjem wieħed u lejn tmiem ta' sena, kif sar lejn tmiem l-2019 kif mistenni.

Hu f'dan is-sens li dak li sar f'Marzu qed jissejjaħ mini-budget jew budget straordinarju. Wara numru ta' deċiżjonijiet kawti u propizji li ttieħdu minn żmien għal żmien, fosthom l-għeluq tal-iskejjel, ta' stabbilimenti tal-ikel bħal restoranti, ħwienet (sakemm ma jbiegħux prodotti essenzjali) u saħansitra l-għeluq tal-ajruport, il-Gvern ħaseb biex iwassal numru ta' miżuri biex ikunu salvagwardjati l-impjiegi u kulħadd jibqa' jgħix ħajja deċenti.

Dawn il-miżuri iżda ma waqfux mal-pakkett b'vot allokat ta' €1.81 Biljun bl-għan li l-ekonomija ta' pajjiżna ma tistaġnax. Minn żmien għal żmien




il-Gvern qed ikompli jkun pro-attiv permezz ta' estensjoni ta' miżuri ġodda li jara opportun jidħlu fis-seħħ skont l-aħħar żviluppi li qed ikollna dwar dan il-Covid-19.

Ma' dawn, ta' min isemmi numru ta' Linji ta' Għajnuna (Help Lines) li l-Gvern Ċentrali u numru ta' Ministeri ntroduċew bl-għan li sa fejn hu possibbli jkunu qed jirrispondu għal bżonnijiet differenti li għandha kull faxxa tas-soċjetà, indipendentament mill-età.

Hekk twaqqfet linja ta' għajnuna fir-rigward tal-anzjani u persuni b'diżabilità, fost oħrajn għal min jista' jinħtieġ jitwasslulu mediċini d-dar jew ikel. It-twaqqif ta' linja ta' għajnuna għat-tfal bl-għan li jkunu ndirizzati problemi ta' diviżjoni diġitali fit-twassil ta' lezzjonijiet on-line u biex jittieħdu azzjonijiet dwar bżonnijiet oħra li jistgħu għandhom it-tfal u ż-żgħażagħ studenti tagħna li ħesrem spiċċaw bla skola u jridu jkomplu s-sena skolastika, issa f'format ġdid minn djarhom stess.

Twaqqfu sa mill-bidu nett, numru ta' linji ta' għajnuna konnessi mas-saħħa fejn individwu jista' jikseb risposti għal kull domanda jew dubji li jkollu u anke jkun megħjun isegwi ċerti direzzjoni kemm-il darba jħoss li hu sintomatiku lejn kundizzjoni ta' saħħa li tista' tfisser li jista' għandu dan il-virus.

Il-komunikazzjoni ta' dak kollu li qed jagħmel il-Gvern fl-intir sħiħ tiegħu dwar din il-problema qed tiġi komunikata b'mod għaqli bl-użu tal-media. Kuljum qed tkun imnedija konferenza tal-aħbarijiet mill-Professur Charmaine Gauci, is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika sabiex il-pubbliku jkun infurmat bl-andament sħiħ ta' dak li qed jiġri u bl-għan li l-istess pubbliku jżomm konfermi ma' appelli jew direttivi li qed joħorġu ta' kuljum.

Ma' dawn ma naqsux konferenzi tal-aħbarijiet oħra ndirizzati mid-Deputat Prim Ministru u l-Ministru tas-Saħħa Chris Fearne kif l-istess mill-Prim Ministru nnifsu kull meta meħtieġ.

Daħlu fis-seħħ pieni għal kull min ma josservax il-perjodu ta' kwarantina li dawn qed ikunu osservati b'numru kbir

ta' spezzjonijiet li ta' kuljum qed isiru minn membri tal-korp tal-Pulizija, u saħansitra ngħataw multi kull fejn instab li persuni naqsu.

L-id tas-solidarjetà ma naqsitx lanqas. Il-Gvern daħal f'diskussjonijiet mal-Unions, mal-Imsieħba Soċjali, mal-Banek, mal-partijiet kollha konċernati bl-għan li lkoll flimkien, qabel xejn jifhmu s-sitwazzjoni u dak li qed jiġri, u fuq kollox biex dawk l-aktar bi dħul baxx, persuni vulnernabbli, kif ukoll entitajiet li jinħtieġu sostenn biex jibqgħu ħajjin, dawn ukoll ma jaqgħux lura.

Is-solidarjetà kompliet bl-eżempji meta l-Prim Ministru stess offra li salarju ta' xahar tiegħu imur b'risq il-bżonn tan-nazzjon ta' pajjiżna llum f'dawn iċ-ċirkostanzi. Ġest sabiħ li kien segwit minn numru ta' persuni oħra bl-għan li jkun ta' ispirazzjoni anke għal dawk li jistgħu jsegwu, forsi b'mod diversi fuq dan il-pass.

Ħafna u ħafna ġid qed isir, ħafna drabi minn wara l-kwinti bl-għan li kull persuna tkun ta' spalla għal min jinsab fi bżonn jew jinħtieġ xi forma jew oħra ta' għajnuna.

Insemmi biss l-eżempju ta' persuna, sid ta' stabbiliment tal-ikel minn Għawdex li dan għax kellu jagħlaq il-post tal-għajxien tiegħu, flok ma qagħad id-dar jara kif se jgħaddi l-ħin, żamm impjegat miegħu u ta' kuljum baqgħu jagħmlu numru ta' ikliet biex imbagħad jgħadduhom lill-impjegati tal-isptar biex ikollhom ikla sħuna.

Għandna fostna kantanti u mużiċisti li biex iderru ftit lill-ġirien tal-madwar qed joħorġu jdoqqu fit-twieqi u l-gallariji tagħhom joħolqu atmosfera sabiħa u ta' kuraġġ.

Għandna ħwienet li qed joffru li jwasslu prodotti d-dar għand il-konsumatur biex ikun jista' jinqeda xorta bla ma jkollu għalfejn joħroġ minn dahru.

Għandna l-Knisja li minkejja d-deċiżjoni tal-Isqfijiet biex dawn jingħalqu, iżda qed tagħmel użu tajjeb ħafna tal-mezzi tal-media b'xandir regolari tal-quddiesa u rużarju



prattikalment fuq l-istazzjonijiet kollha, f'kull ħin, kuljum.

Veru - Huwa virus li fostna ħalla ċerta negattività. Mhux fostna biss iżda madwar id-dinja kollha. Virus li kważi ġab il-globu, l-erba' t'irjieh tad-dinja għarkobbtejhom, iżda bl-istess qies, għal min irid jara n-nofs l-ieħor tat-tazza, virus li qed iħalli tant sens ta' solidarjetà, faraġ u tama b'dak kollu li qed isir 24 siegħa kuljum, sebat 'ijiem fil-ġimgħa.

Jalla li dan is-sens ta' solidarjetà li reġa' għaqqadna lkoll flimkien, ikompli meta dan il-virus jiġi fi tmiem. Jalla nkomplu nuru ħniena, mogħdrija wieħed lejn l-ieħor, mhux biss meta ninsabu msallbin u mkissrin taħt it-toqol tas-salib, iżda anke meta nkunu fl-isbaħ żmien tal-bnazzi.

Fis-siegħa tal-prova wrejna u qed nuru kemm dak kollu li jista' jifridna matul sena, kemm aħna kapaċi nwarrbuh u ningħaqdu flimkien f'mument xejn feliċi bħal m'huma dawn iż-żmenijiet. Ejjew inżommu fina din il-fidi, it-tama u l-imħabba lejna nfusna u lejn xulxin. Ejjew inkomplu nħarsu lejn daż-żmien bħala żmien li jgħaddi u warajh, bħal kollox fid-dinja, se jiġi żmien sabiħ, futur prospettiv fejn se nerġgħu noħorġu rebbieħa wara gwerra qalila oħra.



**Mark Musù**

Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Familja,
Drittijiet tat-Tfal u
Solidarjetà Soċjali

# Riefnu li kixef id-dgħjufija tal-umanità imma li ħareġ il-valuri sodi tagħna

*"Corona virus serpent qalil*
*Ma jidher imkien imma jibżoq il-velenu*
*Tkaxkar għall-għarrieda f'darna*
*Fi bliet u rħula kullimkien*
*Marrad u qatel xjuħ u żgħażagħ*
*Bla ħniena f'nofs it-toroq u sqaqien"*

***Patri Dionysius Mintoff o.f.m***

Fl-ewwel ħarġa tal-magażin ta' din is-sena ktibt dwar ir-realtajiet soċjo-ekonomiċi li ġabet magħha ir-raba' rivoluzzjoni industrijali u semmejt it-tbassir tal-Professur Klaus Schwab, ekonomista Ġermaniż u fundatur tal-World Economic Forum, li din ir-rivoluzzjoni ser tibdel mill-għeruq il-mod kif ngħixu, naħdmu u nagixxu ma' xulxin.

Fit-tielet ġimgħa ta' Frar meta l-magazin ħareg online, rajna dan it-tbassir isir realtà fid-dinja madwarna. Ma seħħx frott tal-intelliġenza artifiċjali jew teknoloġiji oħra moderni, iżda kaġun ta' virus ħiemed u qerriedi li feġġ fil-belt ta' Wuhan fil-provinċja Ċiniża ta' Hubai.

Sa dik il-ġimgħa, il-virus kien infirex sew u kien diġà nfetta madwar 75,000 Ċiniż u qatel aktar minn elfejn ruħ, u kien għadu fil-bidu f'diversi pajjiżi oħra Asjatiċi. Ta' kuljum il-medja internazzjonali wasslulna aħbarijiet dwar kif kien qiegħed jikber l-għadd ta' dawk infettati u mejta u dwar il-miżuri drastiċi li kienu qed jittieħdu mill-awtoritajiet Ċiniżi biex jikkontrollaw l-imxija.

Forsi ma bsarniex b'liema intensità din l-imxija kienet se tinxtered mad-dinja kollha u tilħaq livell ta' pandemija bl-Ewropa, u aktar tard l-Amerika, jinqabdu fl-epiċentru tagħha b'eluf kbar ta' persuni nfettati u mejta. U anke jekk ma kellniex dubju li din il-marda kienet se tasal sa xtutna wkoll, ħafna m'għaddilhomx minn moħħom li din l-imxija kienet se tqalleb ta' taħt fuq il-mod kif ngħixu u naġixxu ma' xulxin, li triegħed l-ekonomiji tad-dinja, li jistaġna r-ritmu tal-kummerċ b'falliment ta' kumpaniji u negozji, li jieqaf l-ivvjaggar bejn il-pajjiżi u li jinxef it-turiżmu. Pjanijiet u proġetti waqfu ħesrem u ntefgħu fuq l-ixkaffa. Fil-ħajja ta' kuljum spiċċajna nżommu 'l bogħod minn xulxin, litteralment arani u la tmissnix.

Konna rajna diversi films u ġew f'idejna kotba li jirrakkontaw stejjer bi sfond ta' epidemiji. Wieħed seta' għalhekk ikollu ħjiel tal-biża, perikli, ħerba u mwiet li jġibu magħhom epidemiji bħal pesta, kolera u l-influwenża Spanjola fil-komunitajiet jew pajjiżi milquta. Iżda żgur qatt ma' ħolom li jgħix burraxka simili.

Kollox seħħ f'temp ta' ftit ġimgħat. Malta waqfet ħesrem. L-ajruport u l-portijiet ingħalqu. It-turiżmu sfuma u għalqu l-lukandi. Skejjel, ristoranti, ħwienet u postijiet ta' divertiment għalqu. Festi u attivitajiet sportivi u kulturali tħassru. Servizzi reliġjużi twaqqfu b'koppji żgħażagħ jipposponu ż-żwieg tagħhom u l-mejtin jitwasslu dritt fiċ-ċimeterju għad-difna. Eluf kellhom jissakkru fi djarhom biex iħarsu saħħithom. Min seta' joħrog ried joqgħod b'seba' għajnejn li ma' jagħmilx kuntatt ma' ħaddiehor u jżomm id-distanża soċjali. B'mod insistenti



ngħatajna struzzjonijiet biex naħslu jdejna sew u ta' spiss u ma mmissux wiċċna. Ir-ritmu tal-ħajja ekonomika u kummerċjali tħarbat u impjegati w oħrajn li jaħdmu għal rashom sfaw bla xogħol tant li l-Gvern intervjena biex jippompja miljuni kbar ta' ewro f'miżuri sabiex ażjendi jilqgħu għad-daqqiet ekonomiċi u finanżjarji u sabiex, permezz ta' benefiċċji soċjali speċjali, iwieżen ħaddiema ġenituri, oħrajn li tilfu l-impjieg, persuni b'diżabilità milquta u oħrajn vulnerabbli.

Qatt mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn ma seħħ ċaqliq globali hekk diżastruż. Il-bnediem daħal f'qoxortu u ntebaħ li minkejja li l-avvanzi kbar li għamel fix-xjenza, fil-mediċina u t-teknoloġija ma kienx imħejji biex jilqa' u jegħleb mikrobu qerriedi.

Il-pandemija kixfet il-vulnerabilità u d-dgħufija tas-soċjetà. Il-Papa Frangisku laqat il-musmar fuq rasu meta qabbel l-imxija ma' tempesta li qabditna fuq sieq waħda u nebbħitna li ninsabu fuq l-istess dgħajsa, ilkoll dgħajfa u mifxula. U laqat fil-laħam il-ħaj meta stqarr li "ħassejna ruħna b'saħħitna u nifilħu għal kollox.... bqajna għaddejjin qisu xejn m'hu xejn, għax ħsibna li mqar f'dinja marida aħna ħa nibqgħu dejjem f'saħħitna."

Għal Malta ma kienx kollox dlam. Xegħlu l-valuri tas-solidarjità u l-ġenoriżità fostna b'koperazzjoni qawwija mal-awtoritajiet tas-saħħa u tal-ordni pubblika. Ġirien fittxew joffru għajnuna lil familji u anzjani qribhom biex iwasslu xirjiet u mediċini lil dawk li ma setgħux joħorgu minn darhom. Familji żammew kuntatt u taw wens bil-mezzi teknoloġiċi tal-lum lil qrabathom iżolati f'darhom. Kibret il-ġabra fost il-familji. Waqgħet ħemda fil-pajjiż għax naqsu l-karozzi fit-toroq u f'nifsejna bdejna niġbdu arja aktar nadifa.

Fuq kollox spikkat il-kwalità u l-kapaċità għolja tas-servizz tas-saħħa li ġibed l-apprezzament u l-ammirazzjoni ta' kulħadd u tifħir mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa li ppreżentatu bħala xempju għal pajjiżi oħra. U riċentament studju minn Università barranija rinomata ikkonkluda li Malta tat l-akbar pakkett




ta' għajnuna lil dawk milquta bil-Covid-19 meta tqabbel il-valur tal-pakkett mal-Prodott Domestiku Gross tal-pajjiż.

F'dan il-kuntest, mill-kbir saż-żgħir fil-Ministeru tagħna lkoll qomna għall-okkazjoni biex nagħtu sehemna biex il-pagamenti tal-benefiċċji li nħolqu jkunu f'idejn il-benefiċjarji fi żmien qasir; biex l-anzjani residenti fid-djar tax-xjuħ u San Vinċenż de Paul, u kif ukoll persuni vulnerabbli oħra fi djar u xelters inkluż tfal, iħossuhom protetti u ndukrati sew; biex jisimgħu u jagħtu wens lil dawk li ħassewhom waħedhom f'darhom; biex jagħtu sostenn u motivazzjoni lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Il-ħidma li saret u għadha qed isir f'dan il-Ministeru hija inkredibbli u ta' dan għandi biss tlett kelmiet – GRAZZI MILL-QALB.

X'hemm fuq ix-xefaq wara dan ir-riefnu? Ser nixirfu f'dinja mibdula, orfna miċ-ċertezzi li konna drajna. L-isfidi għal pajjiż u l-familji mhux ser ikunu ħfief. Ix-xhur li ġejjin ser ikunu iebsin u r-ritmu kummerċjali u ekonomiku jrid iż-żmien biex jerġa jirranka.

L-istorja tagħllimna li kull kriżi u diżastru li ġarrbet id-dinja fl-imgħoddi nisslu taqlib, iżda li maż-żmien aktar iva milli le kienu ta' ġid. It-tama hi fl-aħħar mill-aħħar il-ħajja tkun aħjar għal kulħadd. Jekk kulħadd jagħti sehmu naslu aktar malajr.



# Travel Vaccines

**Marvic Cordina**
DTTC
Boutique Travel Specialist

Visiting another country can put you at risk for diseases that may not normally be found in Malta. Getting vaccinated against certain diseases is one of the most effective things you can do to protect your health abroad. Plan to get the travel vaccines you need at least a month before your trip.

**What is the difference between routine, required, and recommended vaccines?**
CDC divides vaccines for travel into three categories: routine, required, and recommended.

**Routine vaccines** are those that are recommended for everyone based on their age, health condition, or other risk factors. You may think of these as the childhood vaccines that you get before starting school, but some are routinely recommended for adults.

A **required vaccine** is one that travellers must have in order to enter a country, based on that country's government regulations. In most circumstances, yellow fever is the only vaccine required by certain countries.

**Recommended vaccines** are those that CDC recommends travellers get to protect their health, even though they are not required for entry by the government of the country you are visiting. These recommended vaccines protect travellers from illnesses that are usually travel-related.

**Here is a list of the most common vaccines required or recommended by CDC for unconventional travel:**

***Routine Vaccines***
Make sure you are up-to-date on routine vaccines before every trip. These vaccines include measles-mumps-rubella (MMR), diphtheria-tetanus-pertussis (DTaP), varicella (chickenpox), tuberculosis (TB) and polio.

***Typhoid***
You can get typhoid through contaminated food or water. CDC recommends this vaccine for most travellers visiting tropical and faraway countries, especially if you are visiting smaller cities or rural areas, or if you are an adventurous eater.

***Hepitatis A***
CDC recommends this vaccine because you can get hepatitis A through contaminated food or water, regardless of where you are eating or staying.

***Hepitatis B***

You can get hepatitis B through sexual contact, contaminated needles, blood products like tattoo or piercing, or have any medical procedures.

***Meningitis***
CDC recommends this vaccine if you plan to visit affected areas located in the meningitis belt during the dry season, when the disease is most common.



***Malaria***
When traveling to tropical counties, you should avoid mosquito bites to prevent malaria. You may need to take prescription medicine before, during, and after your trip to prevent malaria, depending on your travel plans.

***Japanese Encephalitis***
You should also consider this vaccine if you plan to visit rural areas or will be spending a lot of time outdoors in affected countries. Your doctor can help you decide if this vaccine is right for you based on your travel plans.

***Yellow Fever***
Required if traveling from a country with risk of YF virus transmission, including transit in an airport located in a country with risk of YF virus transmission.

***Cholera***
Vaccination may be considered for adults who are traveling to areas of active cholera transmission. Avoiding unsafe food and water and washing your hands can also help prevent cholera.

***Rabies***
Although rabies can be found in bats and other mammals, it is not a major risk to most travellers. CDC recommends rabies vaccine only for travellers involved in outdoor activities that put them at risk for animal bites.



**Vaccinations required for international travel are varied and requirements change from time to time depending on global outbreaks and changes in disease patterns. The National Immunisation Service Centre in Floriana Health Centre offers comprehensive advice to travellers and a vaccination service for international travellers.**



traville

As a Boutique Travel Specialist, I specialize in personalized itineraries and private small groups to destinations across Asia, Latin America, Southern Africa and Eastern Africa. For more details, you can contact me at:

**marvic.cordina@traville.net**

Marvic Cordina DTTC
Boutique Travel Specialist

# Saving the forgotten kingdom in Malta

**Marica Lewis**
Member
Malta Mycological Association



Fungi are different from animals and plants. Since at least the 1970s, scientists have agreed that fungi belong in their own separate biological kingdom which is likely to contain far more species than the plant kingdom.

Ecologically and economically, the Fungi Kingdom is of an immense value and is necessary for sustainable life on planet earth. There are six kingdom classifications of life - with Fungi classified as a kingdom of their own. Taxa of Kingdom Fungi are diverse, and as the second largest group of organisms - after insects, are distributed among numerous groups of living organisms. Technological advances in molecular research have enabled mycologists to discover and identify fungal taxa. It is estimated that as many as 1.5 million fungal species exist.

In Malta the public perception, biodiversity and conservation of fungi is very low with awareness being close to non-existent. A lot of education regarding the subject is urgently needed. Malta Mycological Association (MMA) was founded only recently (2014) in an effort to promote awareness, interest and conservation regarding the importance of fungi, their function in the ecolomegical system along with the importance and benefits of their existence in our environment. This work has to be considered as an important contribution to the nature conservation programme in Malta. One important theme is the sustainable use of fungal resources, enforcement of legislations and conventions concerning the fungal diversity in different habitats in Malta.

In addition to the urgency of environmental education, the application of appropriate protected area-management systems is also recommended. Given the importance of fungi to the biosphere and the increasing interest in fungal conservation worldwide, addressing oversights and obstacles such as these is a crucial step towards effective protection and management of fungi.

Where plants produce and animals consume, fungi are the recyclers. Fungi are just as much threatened as animals and plants by climate change, habitat destruction, invasive, pollution, over-exploitation and even, in some cases, persecution. Habitats important for threatened fungi may be different from habitats important for threatened animals and plants (Abdel-Azeem and Salem 2017). Biodiversity can only be conserved if the well-being of fungi is given as much consideration as that of animals and plants: without fungi life on earth would be unsustainable. Fungi provide enormously important ecosystem services (e.g. soil fertility, mycorrhizas, crop protection, litter decomposition, checks and balances).

The economic value of such services has been estimated as running to trillions of US dollars. Fungi are also a very important source of unusual chemicals of great value in industry and medicine. The yeast used to make bread is a fungus, and many pharmaceuticals such as antibiotics, statins and anti-cancer drugs are derived from fungi (Abdel-Azeem and Salem 2017). Malta is the 10th smallest island country with just 316 km2 of land area and a population of 475,000, making it also one of the world's most densely populated countries. It lies 97 km south of Sicily, Italy, 284 km east of Tunisia, 333 km north of Libya and 745 km west of Greece, 1520 km south west of Egypt. The archipelago consists of three inhabited islands: Malta (246.5 km$^2$), Gozo (65.8 km$^2$) and Comino (2.9 km$^2$). These are composed of oligo-miocene sedimentary rock and along with Sicily are part of the African continental plate.

The islands mainly consist of Garigue an ecosystem of low scattered, usually xerophytic and aromatic shrubs, Steppe vegetation that consist of grasslands, Rupestral communities mainly found on the southern and western slopes of the island, Maquis which is the dominant ecosystem. The only Woodland that remains today is the one

located at Buskett; this has undergone a lot of destruction over the last few centuries in favour of agriculture. It is now a protected area due to its rich fauna and flora with many nationally endangered, threatened and/or endemic species confined to this area throughout the whole country. Very limited research has been done by the department on the study of fungi. In Malta, the main concern with fungi and lichens conservation lies with the loss of habitat and/or its modification, rather than their exploitation. Habitat conservation is hence deemed to be more effective towards fungi and lichen conservation and protection. According to the Habitats Directive paper two species were proposed for inclusion into Appendix II of the Bern Convention, Boletopsis grisea and Sarcosphaera coronaria both of which are confined to Buskett.

Most of the macrofungi (and protozoan fungal analogues (Myxomycetes)) reported from the Maltese Islands are essentially confined to protected areas, including most of the species listed in the official Red Data Book for the Maltese Islands (Schembri and Sultana 1989), published by the Department of Information. Fungi are mostly known from holm oak forest remnants, such as those at Il-Ballut (l/o Il-Wardija), Il-Ballut (l/o L Imġiebaħ), Ta' Baldu/ Wied Ħażrun and Il-Bosk, and from pine woodland, maquis and riparian woodland assemblages of the area of Il-Buskett and il-Girgenti, especially at Il-Buskett, Għajn il-Kbira, Ta' Rapa, Il-Verdala and Wied il-Luq. Another important area is the carob-lentisk maquis at Wied Għollieqa (l/o San Ġwann), as well as the various valley, pre-desert scrub and phrygana communities known from Wied Babu (l/o Iż-Żurrieq).

Fungi are also known from garrigue communities, such as those at Ix-Xagħra tal-Borgħom (L-Imtaħleb, l/o Ir-Rabat). Malta Mycological Association (MMA) was founded on the 20th of October 2014 primarily as an informative page on Facebook (https://www.facebook.com/mycomalta/) to attract and shed the light on fungal interest on the island with regards to the importance of fungi. On the 28th January 2015 a lecture was held at the Museum of Natural History in Mdina to explore and gather local interest and information on the study of mycology in Malta. MMA's main aim is to create awareness of the diversity of the fungal kingdom, along with promoting, protecting and conserving these substantial organisms. A total of 63 species have been collected thus far by MMA, some of these still need to be properly identified.

Given the size of the island and the continuous environmental stresses imposed, still a healthy variety of macrofungi can be found albeit a bit impossible at times. Recently, in March 2017, Sustainability Design Collective (SDC) was established under whose umbrella Malta Mycological Association is pivotal. The purpose of this section of the organisation is to raise awareness about the importance of fungi in our daily lives. Mycology is a subject that is hardly touched upon on the island with only a few people interested. We seek collaboration with other mycological societies to assist us in holding local workshops and sharing their expertise to encourage understanding of their importance and impact on the environment.

In delivering the targets outlined in SDC, Malta Mycological Association is taking a lead in fungus conservation in Malta and will contribute significant progress to fill the gaps concerning fungal biodiversity and conservation in Malta's National Biodiversity Strategy and Action plan to 2030. MMA's aim is to educate and train, in collaboration with other mycological societies by holding workshops locally and overseas to further discover the world of fungi and make the local community aware of their importance and impact on the environment.

Another part of the project will be to encourage people to grow edible fungi in their homes to control over-collection of edible wild species. Although since the inception of Malta Mycological Association a lot of interest has been generated along with others taking on board the promotion of the importance of fungi, a lot more needs to be done to raise awareness.



*To be continued in another issue.*

# Reċiklaġġ veru

**Tonio Bonello**
Ġurnalist

Dwar l-ambjent aħna smajna, rajna u qrajna bir-rimi. F'isem l-ambjent iżda, madwar id-dinja kollha qed jittieħdu deċiżjonijiet, jinħolqu regoli, isiru liġijiet li, fil-verita', mhux neċessarjament qed jgħinu lill-ambjent.

Fost dan, hemm mod kif madwar il-globu qed ikun implimentat il-kunċett ta' riċiklaġġ. Ħares madwarek, idħol fis-siti soċjali u tosserva l-mod kif qed ikun imħaddem hekk imsejjaħ riċiklaġġ, eżempju fid-dinja tal-karozzi.

Għandna pajjiżi, minn ta' quddiem nett l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Ġappun fost oħrajn fejn vettura li tkun għadha prattikalment ġdida trid titfagħha għall-iskrapp minħabba f'penali fil-forma ta' liċenzji u assigurazzjoni għoljin li jkunu mposti jitħallsu mis-sidien kemm-il darba dawn iżommuhom.

Il-filosofija wara dan l-argument hi li vetturi ġodda jħallu anqas emissjonijiet fl-arja waqt li huma aktar effiċjenti. Il-pajjiżi li semmejt, flimkien ma' oħrajn u bla dubju fost l-ewlenin taħt il-kappa tal-Unjoni Ewropea huma dawk l-aktar pajjiżi, kif fil-fatt iġġib l-għajta populista dwarhom, 'industrijalizzati'. Hawn hu l-bażi tat-tħaddim tal-ekonomija, fejn il-produzzjoni forsi tfisser aktar mill-preservazzjoni. Fejn is-sistema 'disposable' uża u armi saret kultura.



Mhux kulħadd iżda jinsab f'keffa waħda. Għandna madwarna pajjiżi, ftit veru, li iżda tassew għandhom għal qalbhom l-ambjent fis-sens proprju tiegħu. Fost dawn l-Iżvezja, parti minn katina ta' ġmiel ta' pajjiżi jinkludu n-Norveġja u d-Dannimarka fejn għalihom l-ambjent, il-ħajja madwarhom għandha valur daqs il-ħobż u l-ilma li jżommuhom jgħixu kuljum.

F'Settembru 2016 il-Gvern Żvediż nieda kunċett ġdid ta' riċiklaġġ. Il-kunċett hu mħaddem madwar is-sens komun u l-għaqal li 'suppost' kull bniedem għandu nserit fih bħala stint. L-Iżvezja, proprju b'seħħ minn dik is-sena bdiet tagħti kumpens permezz ta' tnaqqis fit-taxxa lil dawk iċ-ċittadini li minflok jixtru prodotti ġodda, dawn isewwu dawk li għandhom.

Il-Gvern Żvediż kien qed jipproponi wkoll li r-rata tal-VAT fuq tiswijiet li jsiru konnessi fuq roti, ħwejjeġ u żraben tonqos drastikament minn 25 fil-mija kif kienet reċentament għal biss 12 fil-mija kif qed tkun implimentata issa.

Benefiċċju ieħor f'din il-linja hu tnaqqis sa nofs l-ispiża fir-rigward ta' tiswijiet ta' apparat domestiku l-aktar wżat, jiġifieri fridges, cookers u magni tal-ħasil rispettivament.

Interessanti hu l-fatt li l-Gvern Żvediż ukoll qed jgħid, bħall-mexxejja tal-pajjiżi industrijalizzati, jiġifieri li jrid jintroduċi dawn il-kunċetti bil-għan li ambjentalment pajjiżhom ikun aħjar!...

Li jidher evidenti fl-istrateġija tal-2016 ta' Per Bolund, il-Ministru għas-Suq Finanzjarju Żvediż hu l-fatt li dan irid jasal lejn ambjent aħjar mod ieħor.



Bolund ma naqasx milli semma l-problema kbira li qed tinħoloq ambjentalment minn fabbriki enormi tal-produdzzjoni b'emissjonijiet li qed iħallu kawża ta' produzzjoni dejjem tikber ta' apparat domestiku li qed jimmanifatturaw.

Ma waqafx hemm. Mal-ambjent Bolund għaqqad element ieħor li, argument tali, ġej min Ministru tal-Finanzi jagħmel ħafna sens. Bolund isostni li permezz ta' dawn il-miżuri se jkun qed jinħoloq suq ġdid fejn faxxa ta' nies li sal-lum ma kellhomx edukazzjoni meħtieġa biex japplikaw f'ċerti mpjiegi, b'dan se jingħatalhom taħriġ f'ħiliet u snajja speċifiċi bażiċi sabiex huma jkunu jistgħu jibdew jaħdmu wkoll.

Dawn il-miżuri jirriflettu għaqal u serjetà. Dawn il-prinċipji li jistgħu jidhru, antikwati u medjokri kemm trid, fil-fatt huma l-qafas, il-bażi fundamentali ta' dak li tinħtieġ id-dinja llum, ta' dak li jinħtieġ il-bniedem illum.

Sabiħ, forsi, li tgħid liċ-ċittadini, "armu l-karozzi, armu l-magni tal-ħasil tagħkom u ixtru l-ġodda u ngħinukom tagħmlu dan." Hu żgur li sabiħ. Min ma jeħux gost li flok ma jsewwi l-oġġett qadim li kellu, minflok jixtri wieħed ġdid?

Il-filosofija ta' Per Bolund twassal għat-tielet benefiċċju. Il-popolin, li fil-faxxi tiegħu hemm dawk l-aktar nies vulnerabbli, bla mpjieg jew bi dħul baxx, b'tali miżuri se jkunu qed jinqdew xorta waħda, iżda bi frazzjoni ta' ħlas ta' oġġett ġdid għax se jsewwu jew jirranġaw. Aktar minn hekk, b'għajnuna qawwija mill-Gvern biex jagħmlu dan b'aktar faċilità.

F'kelma waħda, x'inhu t-tielet benefiċċju? Hu proprju dak li persuni u familji tali, hekk forsi ma jkollhomx għalfejn aktar ħtieġa li mas-sitwazzjoni prekarja li jkunu diġà qed jgħixu fiha, jkollhom jieħdu xi self minn banek b'interessi għolja biex jixtru l-bżonnijiet ġodda tagħhom. Hekk tinħoloq stabbilità, aktar trankwilità' fil-persuna u allura aktar kalma u serenita' fost l-istess familji u f'kuntest ħolistiku bħala nazzjon.

> *"We live in a disposable society. It's easier to throw things out than to fix them. We even give it a name - we call it recycling."*
>
> *Neil LaBute*

# Il-Personalità ta' 'Familja'

## Is-Sa Ruth Rose Sciberras,

Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Sapport



**Tonio Bonello**

Editur 'Familja'

### Meta nħtart Kap Eżekuttiv u x'kienet tikkonsisti ħidmitek fis-snin preċedenti?

Bdejt il-kariga tiegħi bħala Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Sapport f'Novembru 2019. Dan wara karriera twila bħala Direttur Operattiv tal-Aġenzija Appoġġ, wara diversi karigi fl-istess Aġenzija u għalhekk b'esperjenza vasta fejn jidħlu servizzi tat-tfal u oħrajn tal-familja bħal vjolenza domestika.

### Kemm sibt l-isfond tal-għarfien passat tiegħek sinifikattiv biex illum qed taqdi din il-funzjoni?

Il-background tiegħi hu f'ħidma soċjali u ħdimt għal snin twal f'dan il-qasam. Għal numru ta' snin l-Aġenzija Sapport kienet tifforma parti mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, flimkien mal-Aġenzija Appoġġ u għalhekk kelli għarfien ta' kif jaħdem is-settur u xi bżonnijiet hemm. Il-prinċipji u l-mudell li nimxu bihom fis-servizzi ta' ħarsien soċjali huma l-istess, fejn isir assessjar tas-sitwazzjonijiet, naraw kif nistgħu ngħinu lill-klijenti u lill-familjari tagħhom bl-għan li nwassluhom lejn livell ta' għajxien aħjar, inżidu l-inklużjoni u nkunu ħolqa importanti fil-katina ta' servizzi.

### L-aġenzija Sapport toffri diversità ta' servizzi lil kull saff tas-soċjetà. Tistà tispjega dwar dan?

L-Aġenzija Sapport, bħala l-Aġenzija Nazzjonali fis-settur tad-diżabilità, toffri servizzi immirati lejn persuni b'diżabilità u lill-familjari tagħhom. Il-persuni b'diżabilità jistgħu jkunu kemm tfal kif ukoll adulti, irrispettivament mil-liema saff tas-soċjetà ġejjin. Noffru:

- servizzi fil-komunità
- servizzi ta' matul il-jum
- servizzi residenzjali
- interventi ta' ħidma soċjali
- servizz ta' interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali
- numru ta' skemi li jagħtu assistenza finanzjarja lil persuni b'diżabilità u lill-familjari tagħhom sabiex ikunu jistgħu jixtru apparat assistiv u/jew iqabbdu carer tal-għażla tagħhom
- assessjar u għajnuna fuq użu ta' apparat assistiv
- workshops u support groups lil persuni ta' tfal b'diżabilità u lil aħwa adulti ta' persuni b'diżabilità

### X'inhuma l-miri li tixtieq tara Sapport tilħaq matul l-2020?

L-Aġenzija timxi dejjem mal-bżonnijiet li tara u tevalwa fis-settur. Il-mixja lejn inklużjoni fil-komunità u aktar sostenn sabiex il-persuni b'diżabilità jgħixu ħajja indipendenti kemm jistgħu fil-komunità huma fuq nett tal-aġenda tal-Aġenzija. Għaldaqstant, il-miri prinċipali tal-Aġenzija matul din is-sena jinkludu:

- Aktar djar fil-komunità – qed naħdmu biex niftħu dar fiż-Żurrieq u għaddej xogħol fuq oħra fil-Qrendi;

- Inkomplu nippromwovu l-abbiltajiet ta' persuni b'diżabilità u inizjattivi sabiex ngħinuhom itejbu l-ħiliet tagħhom sabiex ikun aktar faċli għalihom li jersqu lejn id-dinja tax-xogħol u jsibu mpjieg sostenibbli
- Naħdmu fuq il-proġett REACH fin-Naxxar, li ser ikun proġett fejn persuni b'diżabilità jistgħu jaċċessaw servizzi holistiċi
- Inkomplu nimodernizzaw iċ-Ċentri ta' Matul il-Jum

**Taħseb li l-pubbliku għandu għarfien biżżejjed dwar dak li intom toffru?**

Qatt ma jkun biżżejjed u għaldaqstant dejjem nippruvaw li nwasslu l-messaġġi tagħna b'mezzi differenti sabiex nilħqu mhux biss lill-pubbliku inġenerali imma possibilment anke dawk li għandhom bżonn is-servizzi tagħna u għadhom ma waslux li jikkuntattjawna, kif ukoll professjonisti oħra li huma f'pożizzjoni li jirreferu persuni b'diżabilità u familjari tagħhom lejn l-Aġenzija.

**Fil-kalendarju tal-aġenzija nsibu inizjattivi li ġejjin u li jistgħu huma ta' interess, anke għall-istess impjegati tagħna?**

Minn żmien għal żmien, l-Aġenzija torganizza attivitajiet bħal:

- Workshops u support groups għal familjari ta' persuni b'diżabilità
- Bazaars u Christmas markets
- Sejħiet għal voluntiera mas-servizz ta' Sharing Lives
- Taħriġ b'xejn għal persuni b'diżabilità, familjari tagħhom, min iħaddem u professjonisti li jaħdmu direttament ma' persuni b'diżabilità, bħala parti mill-proġett INK.

Dawn kollha huma ta' interess għall-kollegi tagħna fi ħdan il-ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu. Dan minbarra li b'mod regolari nippromwovu l-attivitajiet li jkollna fuq il-midja soċjali tal-Aġenzija kif ukoll is-sit elettroniku.

Hawn niġbed l-attenzjoni, b'mod partikolari lejn il-katalgu li wieħed isib fuq is-sit tagħna fejn jista' jara selezzjoni żgħira ta' prodotti magħmula bl-idejn fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum. Permezz tas-sit, tista' tintbagħat ordni għal dawn l-oġġetti, li huma uniċi u ideali bħala rigali.

**Kif tqabbel is-servizzi offruti minnkom ma' dak li qed jiġri f'din il-materja fil-kumplament tal-pajjiżi tal-Ewropa? Aħna fejn qegħdin? Hemm fejn ngħallmu? U hemm fejn nitgħallmu?**

Meta nitkellmu ma' professjonisti barranin u meta nattendu laqgħat u konferenzi internazzjonali naraw li s-servizzi u l-livell tagħhom huma komparabbli ferm ma' dawk tal-maġġoranza ta' pajjiżi oħra, speċjalment dawk tal-Unjoni Ewropea.

Għandna diversi servizzi u prattiċi li huma meqjusa best practice u jħallu riżultati mixtieqa. Ovvjament dejjem ikun hemm lok għal modifikazzjonijiet u żviluppi sabiex dejjem nagħtu servizzi effettivi u effiċjenti.

Għaldaqstant nużaw dawn ir-rapporti pożittivi li għandna ma' diversi pajjiżi u entitajiet barranin sabiex naċċessaw taħriġ u opportunitajiet oħra bl-għan li nkomplu nkabbru l-għarfien tagħna fis-settur.

Eżempju ċar kienet il-konferenza internazzjonali li saret f'Diċembru 2019 fejn is-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, l-Aġenzija Sapport flimkien ma' entitajiet oħra, wasslu din il-konferenza dwar teknoloġija aċċessibbli għal persuni b'diżabilità, b'aktar minn 40 espert fuq medda ta' 3 ijiem. Din kienet konferenza koordinata mill-Kummissjoni Ewropea u l-International Telecommunications Unit fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti.

**Ħaddiema professjonisti fl-oqsma li intom toffru, illum huma riżorsa rari u daqstant ieħor importanti. Se tkunu qed tniedu xi kampanja bl-għan li tinkoraġġixxu aktar żgħażagħ jagħżlu tali mpenn?**



B'mod regolari aħna nippromwovu l-karrieri li wieħed jista' jsegwi fis-settur tad-diżabilità. Ċertament mhux settur faċli u l-istudji speċjalizzati m'ilhomx wisq fis-seħħ. Grazzi għal korsijiet offruti kemm mill-MCAST kif ukoll mill-Università, fosthom dawk offruti mid-Disability Studies u wkoll dwar l-Interpretazzjoni tal-Lingwa tas-Sinjali, illum nistgħu ngħidu li qed ikun hemm aktar professjonisti kwalifikati u speċjalizzaati fis-settur. Madankollu, l-Aġenzija xorta tinvesti fil-ħaddiema tagħha sabiex twasslilhom opportunitajiet ta' taħriġ speċjalizzat.

L-Aġenzija tkun rappreżentata wkoll f'diversi fieri dwar karrieri sabiex tippromwovi dawn l-opportunitajiet u wkoll tkun preżenti sabiex tiggwida lill-istudenti dwar xi studji u korsijiet wieħed jista' jsegwi.

Nisħqu wkoll ħafna dwar il-benesseri tal-impjegati tagħna, li huma l-akbar riżorsa tal-Aġenzija. Għalhekk naċċertaw li jingħataw kundizzjonijiet tax-xogħol kompetittivi, struttura u lok fejn wieħed jista' jikber, taħriġ, superviżjoni u miżuri oħra.

**Hemm lok fejn jinħolqu jew ikunu esplorati servizzi ġodda minn Sapport li sal-lum għad mhux eżistenti, iżda fl-istess ħin, meħtieġa fis-soċjetà? Jekk fil-posittiv, x'inhuma?**

Il-ħtieġa għal servizzi ġodda dejjem qiegħda hemm. L-Aġenzija għandha tim tar-riċerka li jassigura li jiġbor studji u prattiċi li hemm bżonnhom fis-servizzi tagħna sabiex nużawhom bħala bażi fuqiex nippjanaw l-iżvilupp tas-servizzi.

Fil-preżent qed isiru eżerċizzji u studji relatati mal-anzjanità u d-diżabilità peress li qed naraw li din ir-realtà qed tiżdied; proġett konġunt ma' SVP, il-proġett Narċis, immirat lejn persuni b'diżabilità li ġiet fuqhom minħabba aċċident jew mard kroniku u li m'humiex anzjani; kif ukoll fejn tidħol it-teknoloġija assistiva u kif din tista' ttejjeb il-livell ta' għajxien tal-persuni b'diżabilità.

AĠENZIJA SAPPORT

**Ninsabu fl-2020. Fejn tixtieq tara l-Aġenzija Sapport sa ħames snin oħra – 2025?**

L-Aġenzija Sapport dejjem tara kif tkabbar l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità, tgħinhom jakkwistaw aktar ħiliet u tippromwovi impjieg sostenibbli u ħajja soċjali attiva mal-klijenti tagħna.

Minbarra l-proġetti msemmija, żgur li quddiem l-aġenda tal-Aġenzija għas-snin li ġejjin hemm l-enfasi fuq servizzi fil-komunità. Ser inkunu qed niffukaw aktar dwar riżorsi sabiex is-servizzi li noffru fil-komunità jiżdiedu.

Dan mhux biss fejn tidħol kura u assistenza, imma anke fejn jidħlu għajnuniet għal apparat assistiv u apparat teknoloġiku li jgħinu lill-persuni b'diżabilità jgħixu ħajja aktar indipendenti. Matul dawn il-ħames snin li ġejjin ikun tlesta wkoll ix-xogħol fuq il-proġett REACH minn fejn ser ikun possibbli li nkabbru l-għażla tas-servizzi tagħna. Fost dawn, iċ-ċentru terapewtiku u servizzi oħra b'kollaborazzjoni wkoll ma' entitatjiet oħrajn non-governattivi.

***Nixtieq bħal Editur ta' din il-pubblikazzjoni nagħti ħajr u nuri l-apprezzament tiegħi lis-Sa Rosalie Vella Piscopo, Manager - Strategic Marketing & International Relations tal-koordinament u l-assistenza ġentili tagħha u lis-Sa Ruth Rose Sciberras Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija SAPPORT li għoġobha taċċetta l-istedina tagħna biex tkun intervistata.***

**Peter Miceli Saydon**
Prinċipal



# Pink October 2019 - 2020

Matul ix-xahar ta' Ottubru 2019, il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali ngħaqad ma' ħafna oħrajn fil-kampanja ta' għarfien dwar il-kanċer tas-sider ħaġa magħrufa aktar bħala *Pink October*.

Kienu ħafna d-dipartimenti u l-entitajiet fi ħdan dan l-istess Ministeru li ħadu sehem f'din l-inizjattiva billi libsu bil-kulur roża f'ġurnata partikolari tal-għażla tagħhom matul ix-xahar ta' Ottubru u ġabru fondi b'risq din il-kawża.

Inġabret is-somma sabiħa ta' €6078 li ngħatat lill-*Marigold Foundation* mis-Sinjuri Claudia Mifsud, Archibald Attard u Peter Miceli Saydon f'isem il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

Grazzi kbira u prosit lil kull min ta sehmu u nħeġġu iżjed parteċipazzjoni jekk Alla jrid għal Ottubru 2020 sabiex tinġabar dejjem somma isbaħ li tkun ta' għajnuna xierqa għal din il-kawża ferm ġusta.



# District offices in aid of Foodbank

**Sue Bharwani**

Regional Coordinator

On the initiative of the undersigned, members of the Social Security District offices were asked to contribute some monies that could be used to order some food items to be donated to some vulnerable members of our society.

Emails were sent to all members of the District Offices and members of the Directorate, requesting a donation of €10 per person. Details explaining the purpose of this collection and the organisation these monies were going to be donated to were also explained in these emails.

Contact with the Foodbank Lifeline Foundation was established to ensure that the monies collected were distributed to the most deserving members of our society.

I am pleased to inform that the total amount of €440 was collected, with donations received from members of the San Ġwann, B'Kara, Tas-Sliema, in-Naxxar, Ħaż-Żebbuġ, Rabat, Paola, Ħal Balzan, il-Qawra, iż-Żejtun and il-Ħamrun District offices and our Assistant Director.

The monies collected provided some vulnerable members with the provision of 5 cases tomato paste, 4 cases tomato sauce, 3 cases tinned milk and 4 cases corned beef.

These items were delivered to the Foundation on Monday, 27th April, 2020.

Anyone wishing to contact the Foundation for further help can do so on mobile phone **99066808** or email address: **help@foodbanklifeline.com**



Foodbank Lifeline Foundation

# Word Search

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| O | L | I | V | E | E | E | F | F | O | C | L | A | E | T |
| D | E | N | I | M | I | N | T | A | L | A | P | I | S | A |
| C | O | B | A | L | T | P | L | U | M | G | R | E | E | N |
| R | B | P | E | A | C | H | E | R | R | Y | E | C | D | G |
| I | N | A | V | Y | M | U | S | T | A | R | D | E | F | E |
| M | E | R | L | O | T | B | L | U | E | A | T | S | U | R |
| S | A | L | M | O | N | G | H | P | I | N | K | I | J | I |
| O | R | A | N | G | E | S | E | P | I | A | K | L | M | N |
| N | H | S | A | W | H | I | T | E | N | C | L | A | Y | E |
| E | G | G | N | O | G | O | S | A | N | G | R | I | A | P |
| A | L | A | B | A | S | T | E | R | A | I | C | S | U | F |
| Q | M | A | G | E | N | T | A | L | A | T | T | E | R | R |
| S | I | R | I | V | O | R | Y | E | L | L | O | W | S | O |
| S | K | Y | F | A | W | N | A | P | R | I | C | O | T | S |
| C | O | R | A | L | X | S | A | N | D | S | T | O | N | E |

ALABASTER, APRICOT, ASH, BLUE, CANARY, CHERRY, CLAY, COBALT, COFFEE, CORAL, CRIMSON, DENIM, EGGNOG, FAWN, FUSCIA, GREEN, IRIS, IVORY, LAPIS, LATTE, MAGENTA, MERLOT, MINT, MUSTARD, NAVY, OLIVE, ORANGE, PEACH, PEARL, PINK, PLUM, ROSE, RUST, SALMON, SANDSTONE, SANGRIA, SEPIA, SKY, SNOW, TANGERINE, TEAL, WHITE, YELLOW

**How do we know that the ocean is friendly?** It waves!

**Where do sheep go on vacation?**
The Baaa-hamas.

**Where do goldfish go on vacation?**
Around the globe!

**And where do sharks go on vacation?**
Finland!

**Why does ice cream always get invited to the party?** It's cool.

**Why don't oysters like to share their pearls?**
Because they are shellfish.

**Why do fish swim in salt water?**
Because pepper makes them sneeze!

**What do you call a penguin in the desert?** Lost.



# Sudoku

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2 | | 5 | | | | | |
| 9 | 7 | 1 | 2 | | 8 | 4 | | |
| 3 | | | | | 1 | | | 7 |
| | | | 3 | | 4 | 5 | | |
| | | 9 | | 2 | | 1 | | |
| | | 2 | 1 | | 5 | | | |
| 2 | | | 4 | | | | | 1 |
| | | 7 | 6 | | 2 | 9 | 8 | 3 |
| | | | | | 9 | | 7 | |

# Peter's Kitchen

## No Bake
## Strawberry Gateaux



**Marisa Vella**
Operations Executive

**Ingredients:**

1 packet plain biscuits (150 grams)
1 tablespoon instant coffee
200 millilitres boiling water
500 grams ricotta
3 tablespoons sugar or honey
vanilla essence
finely chopped lemon rind
2 tablespoons amaretto

**Method:**

Line a rectangular tin (24 by 13 centimetres) with cling film, leaving enough extra cling film at the edges to line top too.

Dissolve instant coffee in a cup containing the boiling water.
Dip the biscuits, one by one, in the coffee cup, and line base and sides of the tin. Each biscuit must be touching the one next to it.

Mix in a bowl the ricotta, sugar or honey, vanilla essence, lemon rind and amaretto until mixture is soft and creamy.

Pour some of the mixture in the tin, spreading evenly and levelling the top. Continue with layers of biscuits dipped in the coffee and the ricotta mixture finishing on top with biscuits.

Cover tightly the top with the extra cling film.

Refrigerate overnight.

Carefully, open the cling film on the top. Overturn on a plate and carefully remove the tin and cling film.
Serve cutting in slices with strawberries.

You can vary this recipe. You can add layers of sliced strawberries inside. I like to add a layer of chocolate and hazelnut cream.

**Ma ninsewx naħslu jdejna, speċjalment meta nkunu ser nieklu.**